MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 3/2004

**George Portelli**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Marzu, 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**Decizjoni appellata:-

*"Inti gentilment infurmat li jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' Lm2213.89 fl-ghajnuna ghall-mard li rcevejt minn dan id-Dipartiment ghall-perjodu minn 04.01.97 sa 04.04.03. Dan sar minhabba MA DIKJARAJTX L-IMGHAX KOLLU.*

*Ghandi ninfurmak li dan il-hlas zejjed ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% jew xi beneficcju ohra li inti tista' tircievi mid-Dipartiment.*

*Niskuza ruhi ghal xi nkonvenjent li seta' nholoq".*

L-appell:-

*"Nixtieq nappella mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datat 12/5/03 dwar it-talba tieghi ghall-Ghajnuna Medika.*

*Jien inhoss li d-decizjoni tad-Direttur mhix gusta peress li hafna mill-flus li ma kontx iddikjarajt kienu ta' ibni. Dokumenti li juru dan jintbaghtu iktar il-quddiem malli jaslu mill-bank.*

*Fil-fehma tieghi dawn il-fatti jammontaw ghall-punt ta' ligi jew principju ta' mportanza skond l-Att u ghalhekk id-decizjoni tad-Direttur tista' tigi appellata.*

*Ghaldaqstant nitlob li d-decizjoni tad-Direttur tigi riveduta".*

Risposta tad-Direttur

- "Illi l-appellant kien ilu jircievi l-Ghajnuna tal-mard ghan nom tieghu u ta' martu mill-10/5/97.

- Illi minn informazzjoni moghtija mis-Sezzjoni Frodi u investigazzjonijiet tad-Dipartiment irrizulta li l-appellant kellu kapital ta' aktar minn Lm7000 fis-snin 1997 u 2000 kif jidher f' Dok A.

- Illi dwar is-snin 2001 u 2002, ghalkemm il-kapital kien jissodisfa t-test tal-mezzi, id-dhul mill-pensjonijiet ta' l-appellant kien akbar mill-ammont ta' Lm16.30 (skala ta' 3 min-nies) b' Lm5.37, kif jidher hawn taht:

2001

| | |
|---|---|
| NIP | Lm31.06.0 |
| Treasury | Lm28.81.0 |
| Lm59.87.0 | |
| | |
| Less NMP | Lm41.96.0 (in 2001) |
| | Lm17.91.0 |
| Interessi | Lm 3.76.0 |
| | Lm21.67.0 (dhul totali) |
| Skala 3 persuni | Lm16.30.0 |
| | Lm 5.37.0 |

- Illi fid-dawl ta' din ic-cirkostanza d-Direttur waqqaf l-ghajnuna tal-mard ta' l-appellant.

- Illi fil-21/4/03, l-appellant rega' ghamel talba ohra f'ismu ghall-ghajnuna tal-mard u ghalkemm il-kapital tieghu baqa' ma jeccedix l-ammont stipulat id-dhul tieghu mill-pensjonijiet rega' kien akbar mill-ammont kif stabbilit fil-ligi kif jidher f' Dok B.

- Illi b' konsegwenza ta' dan kollu l-appellant gie nfurmat b'ittra tat-12/5/03.

- Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principju ta' mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud."

Nota responsiva ta' l-appellant

*"Jiena ma naqbilx mar-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghal dawn ir-ragunijiet :-*

*Il-flus (Lm6000) ma kinux tieghi imma t'ibni Dennis.*

*Il-punt ta' ligi jew principju ta' mportanza li fuqu tressaq l-appell tieghi huma dawn:-*

*Li f' punt ta' principju li fuqu qed jitressaq dan l-appell huwa primarjament illi fil-waqt li huwa minnu Illi l-appellant kellu ammont ta' flus li seta' acceda l-ammont ta' Lm7000 fuq ismu il-bank, effettivament dawn il-flus ma kienux tieghu izda ta' ibnu Dennis li dak iz-zmien, kif jista' jigi spjegat, kellu problemi kbar socjali u kien ghalhekk ghaqli li dawn ma jibqghux fuq ismu u ghalhekk inqalbu fuq isem l-appellant.*

*Fil-fatt illum dan Dennis fieq mill-problema li kellu u konsegwentament il-flus regghu inqalbu fuqu fit-2001. Il-principju inkwistjoni ghalhekk huwa illi effettivament il-flus li kienu fuq isem l-appellant ma kienux tieghu u ghaldaqstant ghall-finijiet ta' kwalifikazzjoni ghall-ghajnuna socjali dawn ma kellhomx ikunu ikkunsidrati."*

Xhieda ta' l-appellant:-

*"Jiena nispjega illi fil-fatt jiena kelli Lm6,000 mifruxin fuq numru ta' kontijiet bankarji li kienu fuq ismi. Pero` nispjega li fil-fatt il-flus f'dawn il-kontijiet ma kienux tieghi imma ta' ibni Dennis Portelli. Ibni fil-fatt jahdem u mhux qieghed jirregistra. Dennis Portelli fil-fatt xogholu huwa fil-gebel fis-sens li huwa lavrant ma' kuntrattur. Ibni Dennis li semmejt huwa guvni u jghix mieghi. Ibni Dennis illum ghandu disgha u ghoxrin* (29) *sena. Meta ibni kellu sittax-il sena kien diga` ilu erba' (4) snin jahdem u fil-fatt jiena naf li kien jahdem billi jaghmel il-barmil tat-tajn. Jiena niftakar illi ibni minn tnax-il sena ma riedx imur aktar skola u fil-fatt lill-iskola konna naghtuha certifikat mediku biex it-tifel ma jmurx l-iskola u fil-fatt minflok l-iskola kien imur jahdem. Ibni kien imur jahdem ma' Karmnu imlaqqam Il-Ququ minn B'Kara stess u kien jaghtih paga ta' Lm20 fil-gimgha. Wara erba' snin li kien ilu hekk jahdem meta suppost kien jghidilna li qieghed igemma', jiena skoprejt li fil-fatt f'dawk l-erba' snin kull ma gemma' kien Lm5. Jiena ghalhekk ghidtlu illi jekk ma kienx ser jaqbad u jaghtini s-salarju kollu li jaqbad, f'idejja, ma kellux ghalfejn aktar imur jahdem ghax kien fil-fatt imur jahdem ghal xejn. Hu ma oggezzjonax u qabel mieghi. Fil-fatt kull ma jaqla' kien jaghtihuli u jiena kont naghtih biss Lm5 f' idejh u b' hekk*

*irnexxieli illi f'temp ta' sitta/seba' snin jiena gemmajtlu s-somma ta' Lm6,000 li fil-fatt hija s-somma mertu ta' dan l-appell. Jiena bqajt hekk ingemmalu sa l-2001. Ibni qatt ma kien jirregistra. Ibni qabel l-2001 qatt ma kellu kont il-bank. Jiena niftakar illi meta mort niftah il-kontijiet il-bank, kont ghidtlu biex jaghmilhom f'ismi imma 'account' Dennis, pero' jiena nahseb li ma fehemnix ghaliex fil-fatt l-isem Dennis fuq il-kont ma jirrizulta imkien. Jiena meta mort napplika fil-21 ta' April 2003 fl-Area Office ta' B'Kara hadtilhom biss zewg kotba tal-Bank illi huma imnizzlin fl-applikazzjoni. Jiena fil-fatt il-kotba l-ohra tal-Bank li qeghdin f'ismi u nghid li l-flus huma ta' ibni Dennis jiena ma kontx urejthomlu lil Welfare Officer ghaliex jiena nsostni illi dawk m' humiex tieghi u ghalhekk ma kellix ghalfejn insemmihom. Jiena fil-fatt m' ghidtlux b' din l-affari li qed nispjega illum ghax jiena hsibt li jekk nghidlu ma jemminnix. Jiena fil-fatt kelli aktar minn kont wiehed, kelli kontijiet 'fixed' kif ukoll 'savings'."*

Essenzjalment id-decizjoni appellata hija kawza tal-fatt li meta l-appellant applika ghall-ghajnuna ghall-mard m' ghamilx dikjarazzjoni korretta. Jirrizulta li huwa ddikjara li kellu zewg kontijiet bankarji biss fl-ammont ta' circa Lm3,000 meta fil-fatt kellu kontijiet bankarji f' ismu li jissuperaw flimkien is-somma ta' Lm7,000.

Bhala spjegazzjoni l-appellant xehed illi il-kontijiet bankarji l-ohra ghalkemm f' ismu ma kienux tieghu izda ta' ibnu peress li dan ta' l-ahhar kellu l-problema li jonfoq kollox. Skond l-appellant ftiehem ma' ibnu sabiex is-salarju jigi depozitat f' isem l-appellant.

Mistoqsi ghaliex meta mar l-area office tad-dipartiment ma tax l-ispjegazzjoni li qed jaghti issa, l-appellant irrisponda "ghax hsibt li jekk nghidlu ma jemminix". L-appellant jghid li huwa kien tal-fehma li gialadarba il-flus ma kienux tieghu ghalkemm f' kont fuq ismu ma kellux ghalfejn jiddikjarhom. Ragunament dan li difficli wiehed jifhmu specjalment meta jigi konsidrat li l-appellant kien qed jaghmel dikjarazzjoni guramentata quddiem il-welfare officer.

Fil-fehma ta’ l-Arbitru l-verzjoni ta’ l-appellant mhix kredibbli u ghalhekk dan l-appell qed jigi michud.**”**

Ir-rikorrenti George Portelli jressaq b’ aggravju kontra s-sentenza ta’ l-Arbitru illi dan ma ta ebda piz lill-ispjegazzjoni fornita minnu illi l-kapital bankarju ghalkemm f’ ismu kien effettivament jappartjeni lil ibnu Dennis Portelli;

Minn ezami ta’ dan l-aggraju kif sottomess l-appellanti qed jinvita lil din il-Qorti taghmel valutazzjoni mill-gdid tax-xhieda tieghu u ta’ ibnu quddiem l-Arbitru, taccetta l-versjoni taghhom tal-fatti rakkontati biex in segwitu din il-Qorti tghaddi biex tirrevoka s-sentenza;

Jibda biex jigi registrat il-punt illi fl-ezami tal-fatti l-Arbitru hu fakoltizzat b’ dik id-diskrezzjoni lilu konsentita biex jasal ghall-gudizzju tieghu. Dan, s’ intendi, fil-limiti tal-ligi u f’ dawk il-limiti li mill-gurisprudenza gew senjati ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni u funzjonijiet affidati lil tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji. Dan fis-sens li din il-Qorti ghandha tara jekk l-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni kienx “*fair and correct”* (ara a propozitu **Vol. XXXII P II p** 317), ossija skond “il-principji tal-gustizzja u ekwita`” [Artikolu 108 (9) tal-Kapitolu 318];

Mir-riezami taghha ta’ l-atti istruttorji, din il-Qorti ma tara li sar xejn hazin fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-arbitru f’ dan il-kaz;

Il-Qorti waslet ghal din id-deduzzjoni in bazi ghas-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-verosimiljanza, din il-Qorti ma ssibx illi tista’ titwemmen is-sottomissjoni rilevata fil-korp ta’ l-appell illi l-intenzjoni kienet li l-kont bankarju kellu jkun

intestat "account Dennis" u li dan ma sehhx hekk minhabba malintiz. Anke kieku din tassew kienet l-intenzjoni inizzjali tieghu, kemm jista' jinghad li din l-istqarrija hi tabilhaqq veritiera meta l-appellant ihalli tliet snin (1997 – 2000) jiddekorru minghajr ma jintebah li l-kont ma kienx kif hekk kien intenzjonat minnu. B' kumbinazzjoni, intebah biss fl-2001 wara li d-Dipartiment kien skopra, minn investigazzjonijiet kondotti, illi l-appellant "*had underclared income from Bank deposits*". (Ara "*internal memo*" datat 8 ta' Ottubru 2001);

(2) Estratt mid-deposizzjoni tieghu quddiem l-Arbitru li hu ma spjegax lill-Welfare Officer dakinhar ta' l-applikazzjoni dak li ghogbu jsostni fix-xhieda tieghu ghax haseb "li jekk nghidlu ma jemminnix", tkompli turi kemm il-versjoni ta' l-appellant hi wahda inattendibbli u inverosimili. Fil-fehma tal-Qorti ma tantx jidher korrett, in materja ta' bwona fede, li l-appellant jipprova jostor l-konsistenza ta' l-assi taht il-pretest li ma jitwemminx;

(3) In tema ta' kredibilita` u ta' apprezzament tal-provi, il-kriterju jibqa' dak mhux jekk min irid jarbitra jew jiggudika jemminx l-ispjegazzjoni moghtija imma strettament jekk din l-istess spjegazzjoni hijiex possibbli u plawsibbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja;

(4) Evidentement l-Arbitru f' dan il-kaz ma sabx illi dik l-istess spjegazzjoni ta' l-appellant kienet fededenja jew li kienet tali li tinduci fih dik ic-certezza morali tal-verita tal-fatti. Fi kliem Domat, "*une preuve est tout ce qui persuade l' esprit d' une veritè*" (Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**). F' dan il-kaz l-Arbitru gustament sab li l-ispjegazzjoni lilu fornita ma kellha ebda ngredjent ta' verita` u li allura li l-mizien tal-kredibilita` ma kienx jeghleb favur l-appellanti;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha rettament valjati mill-Arbitru, kif ukoll ghar-ragunijiet predetti din il-Qorti ma tarax kif tista' logikament takkolji l-aggravju lilha interpost.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-Arbitru, tichad l-appell, bl-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------